



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2011/0135(COD)

30.11.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li permezz tiegħu l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) jiġi fdat b'ċerti kompiti relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż it-tlaqqiġ ta' rappreżentanti mis-settur pubbliku u privat bħala Osservatorju Ewropew tal-Falsifikazzjoni u l-Piraterija (COM(2011)0288 – C7-0136/2011 – 2011/0135(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Adam Bielan

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Stabbilit fl-2009 bħala inizjattiva tal-Kunsill u tal-Kummissjoni biex jindirizza t-theddida li kienet qed tikber tal-kummerċ fi prodotti ffalsifikati u pirati, l-Osservatorju Ewropew tal-Falsifikazzjoni u l-Piraterija sar ċentru ta' għarfien espert għall-ġbir, is-sorveljanza u r-rappurtar ta' informazzjoni u data relatati mal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (IPR) u pjattaforma għall-kooperazzjoni bejn rappreżentanti minn awtoritajiet nazzjonali u partijiet interessati biex jiskambjaw ideat dwar l-aħjar Prattiki bil-ħsieb li jiżviluppaw strateġiji ta' infurzar f'termini ta' IPR. Mill-bidu nett tal-Osservatorju, aktar responsabilitajiet ġew miżjuda mal-kompetenzi tiegħu mill-Kunsill¹ rigward il-ħtiġijiet għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ tal-UE għas-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, u mill-Parlament Ewropew² li talab li tinġabar id-data tar-riċerka xjentifika dwar il-falsifikazzjoni u r-regolament dwar l-IPR. Finalment, wara l-istudju kkummissjonat mid-DĠ Kummerċ³ ġie rakkomandat li l-Osservatorju jsir punt uniku ta' kuntatt fi ħdan il-Kummissjoni, għall-partijiet esterni, u punt internazzjonali għall-ħolqien u d-disseminazzjoni tal-aqwa Prattika.

Biex wieħed jipproċedi kif jixraq bl-implimentazzjoni tal-kompiti mogħtija lill-Osservatorju mit-tnejja tal-proġett fl-2009 u biex ikompli jiġu żviluppata l-attivitajiet operattivi tiegħu, huwa meqjus neċessarju li l-istatus attwali tiegħu jiġi modifikat billi jiddaħħlu bidliet sostenibbli fir-rigward tal-infrastruttura, ir-riżorsi umani, l-IT u, fuq kollox, l-għarfien espert meħtieġ. Dawn il-bidliet se jeħtieġu riżorsi finanzjarji sinifikanti.

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea hija li l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (OHIM) jiġi fdat bil-kompiti li attwalment qed jiġu ttrattati mill-Osservatorju. Konsegwenza tal-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni u bl-appoġġ tal-partijiet interessati kollha involuti⁴, it-trasferiment tal-Osservatorju fl-OHIM tqies li kien xieraq speċjalment meta jiġi kkunsidrat li dan tal-aħħar għandu għad-dispożizzjoni tiegħu riżorsi finanzjarji xierqa u ħila esperta li kapaċi twettaq il-kompiti u l-attivitajiet li riċentament tkabbru tal-Osservatorju.

Ir-Rapporteur għal opinjoni jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li l-OHIM jiġi fdat bil-kompiti tal-Osservatorju bil-ħsieb li jkun hemm implimentazzjoni mtejbja tar-responsabilitajiet assenjati lilu. Fil-kuntest tat-tkabbir kontinwu fil-kummerċ fi prodotti ffalsifikati u pirati li jwassal bħala konsegwenza għal inkentiv iżgħar għall-innovazzjoni tal-intrapriżi tal-UE u ta' spiss iwassal għal tnaqqis fin-numru ta' impjegji, jidher li hu xieraq li tissaħħaħ politika koordinata f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, ir-Rapporteur għal opinjoni jixtieq jenfasizza li f'termini ta' ċerti kategoriji ta' prodotti (bħall-mediċini, il-ġugarelli, komponenti tal-karozzi, tagħmir tad-djar, eċċ.) il-falsifikazzjoni thedded is-saħħa tal-bniedem u twassal għal tnaqqis sinifikanti fil-ħarsien tal-konsumatur, xi ħaġa li hija waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin

¹ Riżoluzzjoni tal-Kunsill, 1.03.2010, L-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fis-suq intern

² Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, 22.09.2010

³ Novembru 2010 "Valutazzjoni tal-Istrateġija ta' Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettuali f'Pajjiżi Terzi"

⁴ Ma ġiet organizzata ebda konsultazzjoni standard peress li l-proposta ngħatat appoġġ wiesgħa mill-partijiet interessati kollha f'diversi okkażjonijiet (Forum dwar l-Iffalsifikar (2010), Samit Pan-Ewropew dwar l-IP tal-2010, Brussell).

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur. Għalhekk, ir-Rapporteur iqis li jkun debitament iġġustifikat li l-pubbliku jiġi infurmat u li tiżdied il-kuxjenza dwar il-perikli u l-konsegwenzi possibbli li jirriżultaw miż-żieda esponenzjali fil-falsifikazzjoni u fil-piraterija osservata f'dawn l-aħħar snin. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-SMEs ukoll iridu jiffaċċjaw sew l-isfida tal-falsifikazzjoni.

Il-kwistjonijiet kollha msemmija hawn fuq huma theddida serja għall-funzjonament xieraq tas-suq intern. Barra minn hekk, għall-Istati Membri, it-tkabbir fil-falsifikazzjoni u fil-piraterija jwassal għal telf konsiderevoli fid-dħul mit-taxxi.

B'dan kollu fi ħsibijietu, ir-Rapporteur jilqa' l-idea li l-OHIM jiġi fdat bil-kompiti relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u t-tlaqqiġ ta' rappreżentanti pubbliċi u privati bħala Osservatorju Ewropew tal-Falsifikazzjoni u l-Piraterija. Ir-Rapporteur jemmen li s-soluzzjoni ppreżentata hija kosteffiċjenti u tippermetti li l-Osservatorju jkollu aċċess għall-għarfien espert, ir-riżorsi u l-finanzjament meħtieġa mill-aktar fis possibbli. Madankollu, ir-Rapporteur iqis li huwa essenzjali li jiġi enfasizzat li l-aċċess għar-riżorsi finanzjarji meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tal-Osservatorju għandu jiġi żgurat f'kull mument.

B'mod aktar speċifiku, ir-Rapporteur jixtieq jenfasizza l-importanza li jiġi garantit li l-informazzjoni miġbura, analizzata u mxerrda mill-OHIM tissodisfa bosta kriterji fir-rigward tal-kompletezza u l-kwalità tad-data. Barra minn hekk, fl-opinjoni tar-Rapporteur huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-attivitajiet imwettqa mill-OHIM, speċjalment f'termini tal-laqgħat tal-Osservatorju, ikunu ggwidati minn prinċipji sodi ta' trasparenza. Fl-aħħar nett, il-fatt li numru ta' strateġiji fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali diġà qed jitħaddmu fi Stati Membri differenti għandu jiġi kkunsidrat meta jiġu previsti attivitajiet ġodda għall-OHIM.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huma proprjetà **vitali** tan-negozju li jgħinu sabiex jiżguraw li l-innovaturi u l-inventuri jiksbu qligħ ġust għax-xogħol tagħhom u li l-investiment tagħhom fir-riċerka u fl-ideat

Emenda

(2) Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huma proprjetà tan-negozju, **vitali għas-sistema kollha ta' produzzjoni Ewropea, inklużi l-intrapriżi iżgħar u ta' daqs medju**, li jgħinu sabiex jiżguraw li l-innovaturi u l-

ġodda jkun protett.

inventuri jiksbu qligħ ġust għax-xogħol tagħhom u li l-investment tagħhom fir-riċerka u fl-ideat ġodda jkun protett. ***Huma jippermettu wkoll l-innovazzjoni u jsaħħu l-aċċess tal-konsumaturi għall-għerf u l-informazzjoni.***

Ġustifikazzjoni

Id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali għandhom jippermettu kemm li l-innovaturi jiksbu ritorn ġust fuq l-investment tagħhom u li l-pubbliku ġenerali jkollu aċċess għall-informazzjoni u l-għerf. L-Unjoni Ewropea teħtieġ sistema bbilanċjata biex issir ekonomija bbażata fuq l-għerf. Protezzjoni eċċessiva u infurzar sproporzjonat jirriskjaw li jfixklu l-bilanċ għad-detriment tal-konsumaturi u ċ-ċittadini. L-Unjoni Ewropea għandha tirrikonoxxi l-missjoni doppja tad-DPI.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali, bi qbil mal-Artikolu 17(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), u l-protezzjoni tad-data personali, bi qbil mal-Artikolu 8 tal-Karta.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) Iż-żieda kostanti ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali hija theddida ġenwina ***mhux biss*** għall-ekonomija tal-Unjoni, ***iżda wkoll għas-saħħa*** u s-sikurezza ***tal-konsumaturi tal-Unjoni***. Għalhekk, hemm bżonn ta' azzjonijiet effikaċi, immedjati u kkoordinati fuq livell Ewropew u dak globali sabiex jingħeleb

(4) Iż-żieda kostanti ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali hija theddida ġenwina għall-ekonomija tal-Unjoni, ***speċjalment peress li taffettwa b'mod negattiv il-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Barra minn hekk, żieda esponenzjali fi prodotti ffalsifikati użati fil-ħajja ta' kuljum tal-konsumaturi***

dan il-fenomeni.

tal-Unjoni thedded is-saħħa u s-sikurezza tagħhom. Għalhekk, għandhom jiġu intensifikati l-isforzi f'dak il-qasam, speċjalment fejn huma kkonċernati l-mediċini u l-prodotti tal-ikel. Għalhekk, hemm bżonn ta' azzjonijiet effikaċi, immedjati u kkoordinati fuq livell Ewropew u dak globali sabiex jingħeleb dan il-fenomeni. F'dan ir-rigward huwa opportun li wieħed jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni akbar u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' kull wieħed mill-Istati Membri.

Ġustifikazzjoni

L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju huma ta' importanza partikolari għall-ekonomija tal-Unjoni u għalhekk l-impatti negattivi li jirriżultaw mill-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jistħoqqilhom li jissemmew b'mod speċifiku. Barra minn hekk, mhux il-prodotti ta' lussu biss huma affettwati mill-falsifikazzjoni, iżda kulma jmur qed ikunu involuti l-prodotti użati mill-konsumaturi fil-ħajja tagħhom ta' kuljum (prodotti tal-kura tal-persuna, partijiet tal-karozzi, tagħmir tad-dar, eċċ.), u għalhekk huwa importanti li jiġu enfasizzati l-perikli għas-sikurezza u s-saħħa tal-konsumaturi. Il-falsifikazzjoni tal-prodotti tal-mediċina u tal-ikel mhux biss tippreġudika l-impriżi Ewropej, iżda tpoġġi fil-periklu ħajjet il-konsumaturi Ewropej, u tista' wkoll twassal għall-mewt. Għalhekk huwa xieraq li l-isforzi li jsiru f'dawn iż-żewġ oqsma jiġu intensifikati.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 4 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju"), f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, għandu jwettaq analiżi dettaljata tal-konsegwenzi li l-ksur tal-proprjetà intellettwali jinvolvu għall-kumpaniji u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju b'mod partikolari, bil-ħsieb li jiġu determinati l-aħjar soluzzjonijiet u jinqasmu l-aħjar prattiki.

Ġustifikazzjoni

Il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jwassal sabiex iħarbat serjament l-isforzi ta' innovazzjoni, jispiċċa biex jintilfu l-impjiegi u joħloq problemi serji lill-industrija u partikolarment lill-SMEs. Huwa għalhekk li jeħtieġ li nistabbilixxu liema soluzzjonijiet ikunu l-aktar adattati fid-dawl tal-ħtiġijiet u l-problemi tal-kumpaniji.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Settembru 2010 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fis-suq intern, stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jestendu l-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-uffiċċji nazzjonali tal-proprjetà intellettuali sabiex jinkludi wkoll il-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

(10) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Settembru 2010 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fis-suq intern, stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jestendu l-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-uffiċċji nazzjonali tal-proprjetà intellettuali sabiex jinkludi wkoll il-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. ***Barra minn hekk, esprima x-xewqa tiegħu li l-Osservatorju inter alia jiġbor ir-riċerka xjentifika dwar il-falsifikazzjoni u r-regolamentazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Huwa jipproponi wkoll li l-Osservatur iwettaq analiżi dettaljata tal-problema tas-serq ta' data online, u jippreżenta proposti biex dan il-fenomenu jiġi miġġieled.***

Ġustifikazzjoni

L-innovazzjoni xjentifika tagħti kontribut sostanzjali għall-ekonomija Ewropea; għalhekk huwa ta' importanza partikolari li jiġi żgurat li r-riċerka xjentifika tkun qed tiġi miġbura. Il-problema tal-ispjunaġġ industrijali bl-Internet u s-serq onlajn ta' data li tikkostitwixxi proprjetà industrijali, partikolarment dokumentazzjoni teknika u kodiċi ta' sors, qed taggrava minn jum għall-ieħor.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 10 a (ġdida)

(10a) Biex l-intraprendituri tal-Unjoni jiġu megħjuna jinfurzwaw id-drittijiet tagħhom ta' proprjetà intellettuali f'pajjiżi terzi u biex jittejbu l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali biex jiġi evitat li jidħlu prodotti ffalsifikati fis-suq tal-Unjoni, għandha tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Uffiċċju u l-Kummissjoni.

Ġustifikazzjoni

Biex il-kwistjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tiġi trattata b'mod korrett fi ħdan is-suq intern, huwa importanti li jiġi kkunsidrat mhux biss it-territorju tal-Unjoni, iżda wkoll x'inhom s-sitwazzjoni mal-fruntieri esterni tal-UE ma' pajjiżi terzi.

Emenda 7

**Proposta għal regolament
Premessa 16 a (ġdida)**

(16a) Il-kompiti tal-ġbir, l-analiżi u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni rigward l-aħjar Prattiki fost ir-rappreżentanti li jiltaqgħu bħala Osservatorju, u l-iżvilupp tal-istrateġiji abbażi ta' dawn il-prattiki, għandhom jirrispettaw kif xieraq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, bi qbil mal-Artikolu 1(3a) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru)¹ u l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali)².

¹ ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

² ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-Uffiċċju għandu **joffri forum li** jlaqqa' lill-awtoritajiet pubbliċi u lis-settur privat, filwaqt li jiżgura l-għbir, l-analiżi u t-tixrid ta' *dejta* oġġettiva rilevanti, komparabbli u affidabbli dwar il-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-ksur ta' dawk id-drittijiet, l-iżvilupp tal-aqwa prattiki u strateġiji għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u t-trawwim tal-għarfien pubbliku dwar l-impatti tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Barra minn hekk, l-Uffiċċju għandu jwettaq kompiti oħrajn, bħal pereżempju jtejjeb il-fehim tal-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, itejjeb l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali permezz ta' miżuri ta' taħriġ adegwat, iżid l-għarfien dwar it-tekniki li jipprevjenu l-falsifikazzjoni, u jtejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda

(17) L-Uffiċċju, **meta jkun qed ilaqqa' l-Osservatorju**, għandu jlaqqa', **fejn ikun xieraq**, lill-awtoritajiet pubbliċi, **inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, kif ukoll is-soċjetà ċivili, inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi**, u lis-settur privat, filwaqt li jiżgura l-għbir, l-analiżi u t-tixrid ta' *data* oġġettiva rilevanti, komparabbli u affidabbli dwar il-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-ksur ta' dawk id-drittijiet, l-iżvilupp tal-aqwa prattiki u strateġiji għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u t-trawwim tal-għarfien pubbliku dwar l-impatti tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Barra minn hekk, l-Uffiċċju għandu jwettaq kompiti oħrajn, bħal pereżempju jtejjeb il-fehim tal-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, itejjeb l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali permezz ta' miżuri ta' taħriġ adegwat, iżid l-għarfien dwar it-tekniki li jipprevjenu l-falsifikazzjoni, u jtejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Ġustifikazzjoni

L-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u s-soċjetà ċivili għandhom ikunu rrappreżentati f'numri ugwali bħal tal-industrija biex tiġi żgurata l-governanza tajba tal-Osservatorju. Barra minn hekk, miżuri għat-tiżiħ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jista' jkollhom impatt serju fuq id-drittijiet fundamentali tal-konsumaturi u taċ-ċittadini, inklużi d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, id-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għal proċess ġust. Dan huwa rikonoxxut ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Promusica u huwa rifless ukoll fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Infurzar tad-Drittijiet

ta' Proprjeta Intellettuali, li tistabbilixxi limiti għall-miżuri ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjeta intellettuali meta tiġi pperikolata l-privatezza tal-konsumaturi. Għalhekk huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data jipparteċipaw fil-ħidma tal-Osservatorju.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Fir-rigward tar-rappreżentanti tas-settur privat, l-Uffiċċju għandu jinvolti, meta jlaqqa' l-Osservatorju fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu, għażla rappreżentattiva tas-setturi ekonomiċi ***l-aktar*** milquta ***u li għandhom l-iktar esperjenza fil-ġlieda*** kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettuali, b'mod partikolari r-rappreżentanti tad-detenturi tad-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-Internet. Għandu jkun hemm ukoll rappreżentanza xierqa ***tal-konsumaturi u*** tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Emenda

(18) Fir-rigward tar-rappreżentanti tas-settur privat, l-Uffiċċju għandu jinvolti, meta jlaqqa' l-Osservatorju fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu, għażla rappreżentattiva tas-setturi ekonomiċi milquta ***mill-ġlieda*** kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettuali ***u involuti fiha***, b'mod partikolari r-rappreżentanti tad-detenturi tad-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-Internet. Għandu jkun hemm ukoll rappreżentanza xierqa tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) itejjeb il-fehim dwar l-ambitu u l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettuali, protetti taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea jew il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi d-drittijiet tal-proprjeta industrijali, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur;

Emenda

(a) itejjeb il-fehim dwar l-ambitu, ***il-kobor, il-valur*** u l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettuali, protetti taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea jew il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi d-drittijiet tal-proprjeta industrijali, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur;

Ġustifikazzjoni

Biex tingħata stampa ġenerali ċara tal-kobor tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettuali, jidher li hija ġustifikabbli firxa usa' ta' kriterji.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) iżid l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

Emenda

(d) iżid l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali **billi jkompli u jintensifika l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji li jinvolve l-prodotti falsifikati għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi kif ukoll dwar l-impatt negattiv tal-falsifikazzjoni u l-piraterija fuq l-ekonomija u fuq is-soċjetà;**

Ġustifikazzjoni

Meta jiġi meqjus l-impatt negattiv tal-falsifikazzjoni u l-piraterija fuq is-soċjetà u l-ekonomija tal-pajjiż, il-kampanji għandhom jissensibilizzaw lin-nies dwar il-valur tad-drittijiet tal-awtur u l-impatt negattiv tal-piraterija u l-falsifikazzjoni fuq l-impjiegi u t-tkabbir, b'mod partikolari fost il-konsumaturi żgħażaġh Ewropej, u l-bżonn li jiġu rispettati d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(d) iżid l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

Emenda

(da) jagħmel disponibbli riżorsi biex il-pubbliku jiġi infurmat dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, b'mod li mhux biss ikun possibbli li jsiru l-kontrolli, iżda wkoll jiżdied l-għarfien;

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) isaħħaħ l-għarfien dwar għodod tekniċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-

Emenda

(f) isaħħaħ l-għarfien dwar għodod tekniċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-

falsifikazzjoni u l-piraterija, inklużi sistemi ta' osservazzjoni u traċċar;

falsifikazzjoni u l-piraterija, inklużi sistemi ta' osservazzjoni u traċċar, **kif ukoll il-promozzjoni tagħhom, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;**

Ġustifikazzjoni

Jidher li jkun xieraq li jiġi żgurat li mhux biss tinġabar l-informazzjoni dwar l-ġhodod tekniċi iżda wkoll li l-ġhodod tekniċi jiġu żviluppati u innovati aktar u konsegwentament jibdeu jitħaddmu bil-ħsieb li jiġu miġġielda l-falsifikazzjoni u l-piraterija.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) irawwem il-kooperazzjoni internazzjonali ma' uffiċċji tal-proprjeta' intellettuali f'pajjiżi terzi sabiex jinbnew strateġiji u jiġu żviluppati tekniki għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettuali, ħiliet u ġhodod.

Emenda

(h) irawwem il-kooperazzjoni internazzjonali ma' uffiċċji tal-proprjeta' intellettuali f'pajjiżi terzi **u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti**, sabiex jinbnew strateġiji u jiġu żviluppati tekniki għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettuali, ħiliet u ġhodod.

Ġustifikazzjoni

Jeżistu bosta organizzazzjonijiet internazzjonali li jew huma speċifikament dedikati għad-drittijiet tal-proprjeta' intellettuali (IPR), pereżempju l-WIPO, jew li għall-inqas jittrattaw kwistjonijiet ta' ksur ta' IPR bħall-OECD jew id-WTO. Peress li dawn l-organizzazzjonijiet ukoll jagħmlu riċerka dwar l-oriġini, il-kobor u l-prevenzjoni ta' vjolazzjonijiet tal-IPR, għandhom jiġu inklużi fl-inizjattivi ta' kooperazzjoni.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jistabbilixxi metodoloġija għall-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar ta' *dejta* indipendenti, oġġettiva, komparabbli u affidabbli relatata

Emenda

(b) jistabbilixxi metodoloġija għall-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar **regolari** ta' *data* indipendenti, oġġettiva, komparabbli, **soda**

mal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

u affidabbli relatata mal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

Ġustifikazzjoni

Biex tiġi żgurata metodoloġija komprensiva, il-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar għandhom jitwettqu f'intervalli regolari. Barra minn hekk, huwa neċessarju li tiġi stabbilita metodoloġija li tiżgura li d-data li tinkiseb tikkonforma mal-bosta rekwiżiti li jiggarrantixxu l-kompletezza u l-kwalità tad-data.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) jiġbor, janalizza u jxerred *dejta* indipendenti, oġġettiva, komparabbli u affidabbli dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

(c) jiġbor, janalizza u jxerred **regolarment data** indipendenti, oġġettiva, komparabbli, **soda** u affidabbli dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

Ġustifikazzjoni

Biex issir sorveljanza komprensiva tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, id-data għandha tinġabar, tiġi analizzata u tixxerred f'intervalli regolari. Barra minn hekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li d-data li tinkiseb tikkonforma mal-bosta rekwiżiti li jiggarrantixxu l-kompletezza u l-kwalità tad-data.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) jiġbor, janalizza u jxerred *dejta* oġġettiva rilevanti, komparabbli u affidabbli dwar il-valur ekonomiku tal-proprjetà intellettuali u l-kontribut tagħha għat-tkabbir ekonomiku, il-benesseri, l-innovazzjoni, il-kreattività, id-diversità kulturali, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ta' kwalità għolja fi ħdan l-Unjoni;

(d) jiġbor, janalizza u jxerred **b'mod regolari data** oġġettiva rilevanti, **indipendenti**, komparabbli, **soda** u affidabbli dwar il-valur ekonomiku tal-proprjetà intellettuali u l-kontribut tagħha għat-tkabbir ekonomiku, il-benesseri, l-innovazzjoni, il-kreattività, id-diversità kulturali, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi

ta' kwalità għolja fi ħdan l-Unjoni, **kif ukoll għall-protezzjoni u s-sikurezza tal-konsumaturi;**

Ġustifikazzjoni

Biex jinftiehem għalkollox il-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, id-data għandha tinġabar, tiġi analizzata u tixxerred f'intervalli regolari. Barra minn hekk, huwa neċċessarju li jiġi żgurat li d-data li tinkiseb tikkonforma mal-bosta rekwiżiti li jggarantixxu l-kompletezza u l-kwalità tad-data.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) jipprovdi valutazzjonijiet regolari u rapporti speċifiċi skont is-settur ekonomiku, iż-żona ġeografika u t-tip ta' dritt ta' proprjetà intellettuali miksur, li jevalwaw, inter alia, l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuq is-soċjetà, l-ekonomija, is-saħħa, l-ambjent, is-sigurtà u s-sikurezza, u r-relazzjoni ta' ksur bħal dan mal-kriminalità organizzata u mat-terroriżmu;

Emenda

(e) jipprovdi valutazzjonijiet regolari u rapporti speċifiċi skont is-settur ekonomiku, iż-żona ġeografika u t-tip ta' dritt ta' proprjetà intellettuali miksur, li jevalwaw, inter alia, l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuq is-soċjetà, l-ekonomija, **speċjalment fir-rigward tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju**, is-saħħa, l-ambjent, is-sigurtà u s-sikurezza, u r-relazzjoni ta' ksur bħal dan mal-kriminalità organizzata u mat-terroriżmu;

Ġustifikazzjoni

L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju huma ta' importanza partikolari għall-ekonomija tal-Unjoni u għalhekk jistħoqqilhom li jissemmew b'mod speċifiku. Barra minn hekk, in-negozji żgħar huma partikolarment vulnerabbli għall-piraterija u għall-falsifikazzjoni speċjalment peress li m'għandhomx ir-riżorsi u l-għarfien espert li huma disponibbli għal kumpaniji akbar.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) jorganizza laqgħat ta' esperti *ad hoc* sabiex jappoġġaw ix-xogħol tiegħu taħt dan ir-Regolament;

Emenda

(i) jorganizza laqgħat *ad hoc* ta' esperti **u rappreżentanti tal-partijiet interessati kollha** sabiex jappoġġaw ix-xogħol tiegħu taħt dan ir-Regolament;

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Artikolu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Uffiċċju għandu jiżgura f'kull ħin li l-attivitajiet fdati lil minn dan ir-Regolament isiru billi jagħmel użu mill-mezzi baġitarji tiegħu stess.

Emenda

L-Uffiċċju għandu jiżgura f'kull ħin li l-attivitajiet fdati lil minn dan ir-Regolament isiru billi jagħmel użu mill-mezzi baġitarji tiegħu stess, **u li r-riżorsi finanzjarji xierqa jiġu allokati biex daww l-attivitajiet ikunu jistgħu jitwettqu kif jixraq.**

Ġustifikazzjoni

Il-kompetenza tal-OHIM diġà tinvolvi numru ta' attivitajiet, speċjalment fil-qasam tar-reġistrazzjoni ta' trademarks u disinji. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li attivitajiet ġodda, li jirriżultaw mit-trasferiment tal-Osservatorju għall-OHIM, jitwettqu kif jixraq, b'mod partikolari billi jiġu allokati r-riżorsi finanzjarji meħtieġa.

Emenda 21

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Uffiċċju għandu jistieden **rappreżentanti** minn amministrazzjonijiet *pubbliċi*, korpi u organizzazzjonijiet li jitrattaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u rappreżentanti mis-settur privat għal-laqgħat li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(2)(a).

Emenda

1. L-Uffiċċju għandu jistieden **ir-rappreżentanti xierqa** minn amministrazzjonijiet, korpi u organizzazzjonijiet *pubbliċi*, **inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data**, li jitrattaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali **kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi** u rappreżentanti mis-settur privat għal-

laqgħat li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(2)(a).

Ġustifikazzjoni

L-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi għandhom ikunu rrappreżentati f'numri ugwali bħal tal-industrija biex tiġi żgurata l-governanza tajba tal-Osservatorju. Barra minn hekk, miżuri għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jista' jkollhom impatt serju fuq id-drittijiet fundamentali tal-konsumaturi u taċ-ċittadini, inklużi d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, id-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għal proċess ġust. Dan huwa rikonoxxut ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Promusica u huwa rifless ukoll fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Infurzar tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali, li tistabbilixxi limiti għall-miżuri ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali meta tiġi pperikolata l-privatezza tal-konsumaturi. Għalhekk huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data jipparteċipaw fil-ħidma tal-Osservatorju.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-rappreżentanti li jiltaqgħu bħala l-Osservatorju li jkunu mistiedna mis-settur privat għandhom jinkludu firxa wiesgħa u rappreżentattiva ta' korpi tal-UE u korpi nazzjonali li jirrappreżentaw id-diversi setturi ekonomiċi ***l-aktar*** milquta ***u bl-iktar esperjenza fil-ġlieda*** kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għandhom ikunu rrappreżentati kif xieraq.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

Emenda

2. Ir-rappreżentanti li jiltaqgħu bħala l-Osservatorju li jkunu mistiedna mis-settur privat għandhom jinkludu firxa wiesgħa u rappreżentattiva ta' korpi tal-UE u korpi nazzjonali li jirrappreżentaw id-diversi setturi ekonomiċi milquta ***mill-ġlieda*** kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali ***u involuti fiha. B'mod partikolari, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għandhom ikunu rrappreżentati kif xieraq.***

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-ismijiet tar-rappreżentanti, l-aġenda **u l-minuti** għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Uffiċċju.

4. L-ismijiet tar-rappreżentanti, l-aġenda, **il-minuti, informazzjoni rilevanti oħra u d-dokumentazzjoni relatata tal-laqgħat** għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Uffiċċju, **filwaqt li tiġi rispettata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensitiva.**

Ġustifikazzjoni

L-aċċess għal informazzjoni u dokumenti addizzjonali jsaħħaħ it-trasparenza u l-fiduċja pubblika fl-attivitajiet imwettqa mill-OHIM.

Emenda 24

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – kliem introdutturju**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għal-liġi li tirregola l-ipproċessar *tad-dejta* personali, ir-rappreżentanti ***tal-Istati Membri u tas-settur privat*** li jiltaqgħu bħala Osservatorju għandhom:

Mingħajr preġudizzju għal-liġi li tirregola l-ipproċessar *tad-data* personali, ir-rappreżentanti li jiltaqgħu bħala Osservatorju għandhom:

Ġustifikazzjoni

Jidher li hu neċessarju li tiġi estiża r-referenza għal kull tip ta' rappreżentanti u li jiġi żgurat li mhux biss ikunu koperti l-amministrazzjonijiet pubbliċi, iżda wkoll l-organizzazzjonijiet u l-korpi pubbliċi (bi qbil mal-Artikolu 3), u għalhekk huwa ġustifikabbli li titneħħa r-referenza konkreta għall-Istati Membri u għas-settur privat. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-koerenza fit-test kollu, huwa xieraq li l-formulazzjoni użata fit-test introdutturju tal-Artikolu 5 tiġi allinjata mal-formulazzjoni użata fil-punt (f) tal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(3).

Emenda 25

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li l-

(d) ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li l-

Uffiċċju għandu ppjanat għall-futur;

Uffiċċju għandu ppjanat għall-futur,
**filwaqt li jiġu kkunsidrati l-attivitajiet
imwettqa fl-Istati Membri biex tiġi evitata
d-duplikazzjoni mhux meħtieġa;**

Ġustifikazzjoni

Diġà qed jiġihaddmu numru ta' strateġiji fi Stati Membri differenti, u għalhekk biex jiġu evitati sforzi doppji fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri, jidher li hu xieraq li wieħed jirrifletti fuq ix-xogħol imwettaq mill-Istati Membri fil-qasam rilevanti meta jiġi kkunsidrat l-ippjanar strateġiku għal attivitajiet ġodda possibbli li għandhom jitwettqu mill-Uffiċċju.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta, waqt it-tnejn tar-rapport ta' evalwazzjoni, mar-rappreżentanti li jiltaqgħu bħala Osservatorju dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta, waqt it-tnejn tar-rapport ta' evalwazzjoni, mar-rappreżentanti li jiltaqgħu bħala Osservatorju dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2. **Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll l-involviment possibbli ta' partijiet interessati oħra fil-proċess ta' evalwazzjoni.**

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet interessati kollha għandhom ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-proċess ta' konsultazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Uffiċċju fl-operazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha twettaq konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u **lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u** għandha twettaq konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati dwar ir-rapport ta'

evalwazzjoni.

PROĊEDURA

Titolu	L-għoti lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) ta' ċerti kompiti relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.
Referenzi	COM(2011)0288 – C7-0136/2011 – 2011/0135(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 7.6.2011
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 7.6.2011
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Adam Bielan 20.7.2011
Data tal-adozzjoni	22.11.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Cornelis de Jong, Evelyne Gebhardt, Małgorzata Handzlik, Iliana Ivanova, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Hans-Peter Mayer, Phil Prendergast, Mitro Repo, Robert Rochefort, Heide Rühle, Matteo Salvini, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, María Irigoyen Pérez, George Lyon, Ramona Nicole Mănescu, Emma McClarkin, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Marc Tarabella, Kyriacos Triantaphyllides, Wim van de Camp